(f) "interfaċċa online" tfisser kwalunkwe softwer, inklużi siti web ***jew parti minn sit web*** u applikazzjonijiet, imħaddma minn jew f'isem negozjant, li għandu r-rwol li jagħti aċċess għall-prodotti jew għas-servizzi tan-negozjant lill-konsumaturi bl-għan li jidħlu fi tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta' dawk il-prodotti u s-servizzi;

Or. en

Emenda 312

Inese Vaidere

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) "interfaċċa online" tfisser kwalunkwe softwer, inklużi siti web u applikazzjonijiet, imħaddma minn jew f'isem negozjant, li għandu r-rwol li jagħti aċċess għall-prodotti jew għas-servizzi tan-negozjant lill-konsumaturi bl-għan li jidħlu fi tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta' dawk il-prodotti u s-servizzi;

Emenda

(f) "interfaċċa online" tfisser kwalunkwe softwer, inklużi siti web u applikazzjonijiet ***tas-software***, imħaddma minn jew f'isem negozjant, li għandu r-rwol li jagħti aċċess għall-prodotti jew għas-servizzi tan-negozjant lill-konsumaturi bl-għan li jidħlu fi tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta'

dawk il-prodotti u s-servizzi;

Or. en

Emenda 313
Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) "fornitur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi prodotti jew servizzi.

Or. en

Emenda 314
Franz Obermayr

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. In-negozjanti ma għandhomx, bl-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, jimblukkaw jew jillimitaw l-aċċess tal-konsumaturi għall-interfaċċi online tagħhom għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur.

imħassar

Or. de

Emenda 315
Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx, bl-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, jimblukkaw jew jillimitaw l-aċċess tal-konsumaturi għall-interfaċċi online tagħhom għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza **jew mal-post tal-istabbiliment** tal-konsumatur.

Emenda

1. In-negozjanti ma għandhomx, bl-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, jimblukkaw jew jillimitaw l-aċċess tal-konsumaturi għall-interfaċċi online tagħhom għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità **jew** mal-post tar-residenza tal-konsumatur.

Or. en

Emenda 316

Virginie Rozière, Liisa Jaakonsaari, Maria Grapini, Marc Tarabella, Marlene Mizzi, Anna Hedh, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***In-negozjanti ma għandhomx***, bl-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, ***jimblukkaw jew jillimitaw*** l-aċċess tal-konsumaturi għall-interfaċċi online tagħhom għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza **jew mal-post tal-istabbiliment** tal-konsumatur.

Emenda

1. ***In-negozjant ma għandux***, bl-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, ***jimblukka jew jillimita*** l-aċċess tal-konsumaturi għall-interfaċċi online tagħhom għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità **jew** mal-post tar-residenza tal-konsumatur.

Or. en

Emenda 317

Dita Charanzová, Jasenko Selimovic, Kaja Kallas, Marietje Schaake, Morten Løkkegaard

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***In-negozjanti*** ma għandhomx, bl-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, jimblukkaw jew jillimitaw l-aċċess tal-konsumaturi għall-interfaċċi online

Emenda

1. ***Negozjant u suq online*** ma għandhomx, bl-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, jimblukkaw jew jillimitaw l-aċċess tal-konsumaturi għall-

tagħhom għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur.

interfaċċi online tagħhom għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post **temporanju, jew mal-post** tal-istabbiliment tal-konsumatur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi tal-emenda tar-Rapporteur, filwaqt li tinżamm id-definizzjoni ta' konsumatur fit-test.

Emenda 318 **Inese Vaidere**

Proposta għal regolament **Artikolu 3 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx, bl-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, jimblukkaw jew jillimitaw l-aċċess tal-konsumaturi għall-interfaċċi online tagħhom għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur.

Emenda

1. In-negozjanti ma għandhomx, bl-użu ta' miżuri teknoloġiċi jew b'xi mod ieħor, jimblukkaw jew jillimitaw l-aċċess tal-konsumaturi għall-interfaċċi online tagħhom għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza, **mal-post tal-lok temporanju** jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur.

Or. en

Emenda 319

Virginie Rozière, Liisa Jaakonsaari, Maria Grapini, Marc Tarabella, Olga Sehnalová, Anna Hedh, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt

Proposta għal regolament **Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online ***tagħhom*** li tkun differenti mill-

Emenda

In-negozjant ma għandux jidderieġi l-konsumatur lejn verżjoni tal-interfaċċa online ***tiegħu*** li tkun differenti mill-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew

interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza ***jew ta' post tal-istabiliment*** partikolari, sakemm il-konsumatur ma jagħtix il-kunsens espliċitu tiegħu jew tagħha qabel dan ir-ridirezzjonar.

b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità ***jew*** ta' post tar-residenza partikolari, sakemm il-konsumatur ma jagħtix il-kunsens espliċitu tiegħu jew tagħha qabel dan ir-ridirezzjonar.

Or. en

Emenda 320

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza ***jew mal-post tal-istabiliment*** tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza ***jew ta' post tal-istabiliment*** partikolari, sakemm il-konsumatur ma jagħtix il-kunsens espliċitu tiegħu jew tagħha qabel dan ir-ridirezzjonar.

Emenda

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità ***jew*** mal-post tar-residenza tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità ***jew*** ta' post tar-residenza partikolari, sakemm il-konsumatur ma jagħtix il-kunsens espliċitu tiegħu jew tagħha qabel dan ir-ridirezzjonar.

Or. en

Emenda 321

Dita Charanzová, Jasenko Selimovic, Kaja Kallas, Marietje Schaake, Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-interfaċċa online li l-konsumatur **oriġinarjament** ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza jew ta' post tal-istabbiliment partikolari, sakemm il-konsumatur ma **jagħtix il-kunsens** espliċitu tiegħu jew tagħha **qabel** dan ir-ridirezzjonar.

Emenda

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post **temporanju, jew mal-post** tal-istabbiliment tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-interfaċċa online li l-konsumatur **l-ewwel** ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza jew ta' post **temporanju, jew ta' post** tal-istabbiliment partikolari, sakemm il-konsumatur ma **jkunx ta l-kunsens** espliċitu tiegħu jew tagħha **għal** dan ir-ridirezzjonar.

Or. en

Emenda 322
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza jew ta' post tal-istabbiliment partikolari, sakemm il-konsumatur ma **jagħtix il-kunsens** espliċitu tiegħu jew tagħha **qabel** dan ir-

Emenda

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza, **ta' post tal-lok temporanju** jew ta' post tal-istabbiliment partikolari, sakemm il-konsumatur ma **jagħtix il-kunsens** espliċitu tiegħu jew

ridirezzjonar.

tagħha qabel dan ir-ridirezzjonar.

Or. en

Emenda 323
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza jew ta' post tal-istabbiliment partikolari, sakemm il-konsumatur ma *jagħtix il-kunsens* espliċitu tiegħu jew tagħha qabel dan ir-ridirezzjonar.

Emenda

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza jew ta' post tal-istabbiliment partikolari, sakemm il-konsumatur ma *jkunx ta l-kunsens* espliċitu tiegħu jew tagħha qabel dan ir-ridirezzjonar.

Or. ro

Emenda 324
Anneleen Van Bossuyt

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-

Emenda

In-negozjanti ma għandhomx, għal raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, jidderieġu l-konsumaturi lejn verżjoni tal-interfaċċa online tagħhom li tkun differenti mill-

interfaċċa online li l-konsumatur **oriġinarjament** ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza jew ta' post tal-istabbiliment partikolari, sakemm **il-konsumatur ma jagħtix il-kunsens espliċitu tiegħu jew tagħha qabel** dan ir-ridirezzjonar.

interfaċċa online li l-konsumatur **inizjalment** ried jaċċessa, bis-saħħa tat-tqassim tagħha, bl-użu tal-lingwa jew b'karatteristiċi oħrajn li jagħmluha speċifika għal konsumaturi ta' nazzjonalità, ta' post tar-residenza jew ta' post tal-istabbiliment partikolari, sakemm **in-negozjant ma jkunx ipprova lill-konsumatur informazzjoni ċara dwar** dan ir-ridirezzjonar.

Or. en

Emenda 325
Renato Soru

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

F'każ li n-negozjant jippermetti l-espressjoni ta' preferenza espliċita espressa mill-konsumatur fuq kont personali u modifikabbli fi kwalunkwe mument mill-konsumatur, in-negozjant għandu jingħata l-permess biex jidderieġi b'rutina lejn landing page speċifika, u li dan xorta jippermetti aċċess ċar u sempliċi għall-interfaċċa online li l-konsumatur inizjalment ried jaċċessa.

Or. en

Emenda 326
Marco Zullo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

F'każ li jseħħ dan ir-ridirezzjonar bil-kunsens espliċitu tal-konsumatur, il-verżjoni **oriġinali** tal-interfaċċa online

F'każ li jseħħ dan ir-ridirezzjonar bil-kunsens espliċitu tal-konsumatur, il-verżjoni tal-interfaċċa online, **li l-**

għandha tibqa' aċċessibbli b'mod faċli *għal dak il-konsumatur*.

konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa, għandha tibqa' aċċessibbli b'mod faċli *għall-konsumatur*.

Or. it

Emenda 327

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Olga Sehnalová, Marlene Mizzi, Anna Hedh, Lucy Anderson, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt, Sergio Gutiérrez Prieto

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li jseħħ dan ir-ridirezzjonar bil-kunsens espliċitu tal-konsumatur, il-verżjoni *oriġinali* tal-interfaċċa online għandha tibqa' aċċessibbli b'mod faċli għal dak il-konsumatur.

Emenda

F'każ li jseħħ dan ir-ridirezzjonar bil-kunsens espliċitu *minn qabel* tal-konsumatur, il-verżjoni tal-interfaċċa online, *li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa*, għandha tibqa' aċċessibbli b'mod faċli għal dak il-konsumatur.

Or. en

Emenda 328

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li jseħħ dan ir-ridirezzjonar bil-kunsens espliċitu tal-konsumatur, il-verżjoni *oriġinali* tal-interfaċċa online għandha tibqa' aċċessibbli b'mod faċli għal dak il-konsumatur.

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Or. en

Emenda 329

Dita Charanzová, Kaja Kallas, Marietje Schaake, Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li jseħħ dan ir-ridirezzjonar bil-kunsens espliċitu tal-konsumatur, il-verżjoni **oriġinali** tal-interfaċċa online għandha tibqa' aċċessibbli b'mod faċli għal dak il-konsumatur.

Emenda

F'każ li jseħħ dan ir-ridirezzjonar bil-kunsens espliċitu tal-konsumatur, il-verżjoni tal-interfaċċa online, **li l-konsumatur l-ewwel ried jaċċessa**, għandha tibqa' aċċessibbli b'mod faċli għal dak il-konsumatur.

Or. en

Emenda 330
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li jseħħ dan ir-ridirezzjonar bil-kunsens espliċitu tal-konsumatur, il-verżjoni **oriġinali** tal-interfaċċa online għandha tibqa' aċċessibbli b'mod faċli għal dak il-konsumatur.

Emenda

F'każ li jseħħ dan ir-ridirezzjonar bil-kunsens espliċitu tal-konsumatur, il-verżjoni **oriġinali aċċessata inizzjalment** tal-interfaċċa online għandha tibqa' aċċessibbli b'mod faċli għal dak il-konsumatur.

Or. ro

Emenda 331
Anneleen Van Bossuyt

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fejn l-imblukkar, il-limitazzjoni tal-aċċess jew ir-ridirezzjonar **fir-rigward ta' ċerti konsumaturi jew ta' konsumaturi f'ċerti**

Emenda

3. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fejn l-imblukkar **jew** il-limitazzjoni tal-aċċess **tal-konsumatur għall-interfaċċa online tan-negozjant** jew ir-ridirezzjonar

territorji, ikunu meħtieġa sabiex *tiġi żgurata l-konformità* ma' rekwiżit legali fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

ikunu meħtieġa sabiex *negozjant jikkonforma* ma' rekwiżit legali fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 332

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Anna Hedh, Lucy Anderson, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fejn l-imblukkar, il-limitazzjoni tal-aċċess jew ir-ridirezzjonar fir-rigward ta' *ċerti* konsumaturi jew ta' konsumaturi f'ċerti territorji, ikunu meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżit legali fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

Emenda

3. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fejn l-imblukkar, il-limitazzjoni tal-aċċess jew ir-ridirezzjonar fir-rigward ta' *ċertu grupp speċifiku ta'* konsumaturi jew ta' konsumaturi f'ċerti territorji, ikunu meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżit legali fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni, *li għalihom japplikaw l-attivitajiet tan-negozjant.*

Or. en

Emenda 333

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fejn l-imblukkar, il-limitazzjoni tal-aċċess jew ir-ridirezzjonar fir-rigward ta' ċerti konsumaturi jew ta' konsumaturi f'ċerti territorji, ikunu meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżit legali

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 334
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fejn l-imblukkar, il-limitazzjoni tal-aċċess jew ir-ridirezzjonar fir-rigward ta' ċerti konsumaturi jew ta' konsumaturi f'ċerti territorji, ikunu meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżit legali fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

Emenda

3. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw fejn l-imblukkar **jew** il-limitazzjoni tal-aċċess ***tal-klijenti għall-interfaċċa online tan-negozjant*** jew ir-ridirezzjonar fir-rigward ta' ċerti konsumaturi jew ta' konsumaturi f'ċerti territorji, ikunu meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' rekwiżit legali fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni ***applikabbli għall-attivitajiet tan-negozjant***.

Or. ro

Emenda 335
Franz Obermayr

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għall-interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online f'konformita mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara. Din il-ġustifikazzjoni għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-***

Emenda

imħassar

konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

Or. de

Emenda 336

Dita Charanzová, Kaja Kallas

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online f'konformità mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara. Din il-ġustifikazzjoni għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

imħassar

Or. en

Emenda 337

Anneleen Van Bossuyt

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online f'konformità mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara. Din il-ġustifikazzjoni għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online f'konformità mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara. Din il-ġustifikazzjoni għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa. *Din tista' tiġi pprovduta fit-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tagħha.*****

Emenda 338

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online ***f'konformità*** mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara. Din il-ġustifikazzjoni għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

Emenda

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online ***f'konformità*** mal-paragrafu 3, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara ***u spjegazzjoni lill-konsumatur***. Din il-ġustifikazzjoni għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

Or. en

Emenda 339

Virginie Rozière, Liisa Jaakonsaari, Maria Grapini, Marc Tarabella, Olga Sehnalová, Lucy Anderson, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online ***f'konformità*** mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara. Din il-ġustifikazzjoni għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

Emenda

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online ***f'konformità*** mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara ***u espliċita***. Din il-ġustifikazzjoni għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

Or. en

Emenda 340
Renato Soru

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online *f'konformita* mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara. Din il-*ġustifikazzjoni* għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

Emenda

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online *f'konformità* mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi ġustifikazzjoni ċara. Din il-*ġustifikazzjoni* għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa. *Fil-każ li konsumatur jaċċessa kont personali fuq is-sit web tan-negozjant, il-ġustifikazzjoni għandha tiġi enfasizzata għall-ewwel iżjara u għandha tibqa' disponibbli għall-konsumatur.*

Or. en

Emenda 341
Marco Zullo

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online *f'konformita* mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi *ġustifikazzjoni* ċara. Din *il-ġustifikazzjoni* għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

Emenda

4. Fejn in-negozjant jimblukka jew jillimita l-aċċess tal-konsumaturi għal interfaċċi online jew jidderieġi mill-ġdid lill-konsumaturi lejn verżjoni differenti tal-interfaċċa online *f'konformità* mal-paragrafu 4, in-negozjant għandu jipprovdi *spjegazzjoni* ċara. Din *l-ispiegazzjoni* għandha tingħata bil-lingwa tal-interfaċċa online li l-konsumatur oriġinarjament ried jaċċessa.

Or. it

Emenda 342
Othmar Karas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Negozjant mhuwiex obligat jikkomunika ma' konsumatur f'lingwa differenti mil-lingwa użata fil-verżjoni tal-lingwa tal-interfaċċa online tan-negozjant li permezz tagħha l-konsumatur xtara prodott.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Meta konsumatur jixtri prodott fuq verżjoni tal-lingwa partikolari ta' sit web, hu jew hi ma jistgħux jitolbu li n-negozjant imbagħad jikkomunika miegħu jew magħha f'lingwa differenti.

Emenda 343
Othmar Karas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lista vinkolanti li tinftiehem u faċilment aċċessibbli tar-rekwiżiti legali li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 3 fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ma jkunx proporzjont jekk kull negozjant online individwali jkollu jindirizza r-rekwiżiti legali kollha tal-UE u dawk nazzjonali fl-Istati Membri kollha li jistgħu jiġġustifikaw l-imblukkar tal-aċċess għal ċerti prodotti. Lista li fiha din l-informazzjoni jenħtieġ li titfassal u ssir disponibbli mill-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Emenda 344

Sabine Verheyen, Angelika Niebler

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post ta' stabbiliment tal-konsumatur, ***fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:***

Emenda

1. ***Fil-każijiet definiti fil-paragrafu 1(a) sa (c) ta' dan l-Artikolu 4,*** in-negozjanti ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post ta' stabbiliment tal-konsumatur. ***Dan ir-Regolament ma jistax jirrestrinġi l-libertà imprenditorjali u l-libertà kuntrattwali stabbiliti fl-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-libertà kuntrattwali tal-fornituri ma tistax issir obbligu kuntrattwali, inkluż obbligu tal-konsenja, fir-rigward tal-konsumaturi. Dan japplika wkoll għall-każijiet definiti fl-Artikolu 4(1)(a) sa (c).***

Or. de

Emenda 345

Marlene Mizzi

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, ***mal-post tar-residenza*** jew mal-post ta' ***stabbiliment*** tal-konsumatur, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Emenda

1. In-negozjanti ***u suq online*** ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, jew mal-post ta' ***residenza*** tal-konsumatur, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Emenda 346

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, **mal-post tar-residenza** jew mal-post ta' **stabiliment** tal-konsumatur, **fis-sitwazzjonijiet li ġejjin**:

Emenda

1. In-negozjanti ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità jew mal-post ta' **residenza** tal-konsumatur, **fejn**:

Or. en

Emenda 347

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Anna Hedh, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. **In-negozjanti ma għandhomx japplikaw** kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi **tagħhom**, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, **mal-post tar-residenza** jew mal-post ta' **stabiliment** tal-konsumatur, **fis-sitwazzjonijiet li ġejjin**:

Emenda

1. **In-negozjant ma għandux japplika** kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi **tiegħu**, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità jew mal-post ta' **residenza** tal-konsumatur, **fis-sitwazzjonijiet li ġejjin**:

Or. en

Emenda 348

Dita Charanzová, Kaja Kallas, Marietje Schaake

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***In-negozjanti ma għandhomx japplikaw*** kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post ta' stabbiliment tal-konsumatur, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Emenda

1. ***In-negozjant ma għandux japplika*** kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post ***temporanju, jew mal-post*** ta' stabbiliment tal-konsumatur, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin ***fejn il-konsumatur ifittex li:***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi tal-emenda tar-Rapporteur, filwaqt li tinżamm id-definizzjoni ta' konsumatur fit-test.

Emenda 349
Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post ta' stabbiliment tal-konsumatur, fis-sitwazzjonijiet li ***ġejjin:***

Emenda

1. In-negozjanti ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post ta' stabbiliment tal-konsumatur, fis-sitwazzjonijiet li ***fihom il-konsumatur ifittex li:***

Or. en

Emenda 350
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post ta' stabbiliment tal-konsumatur, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Emenda

1. In-negozjanti ma għandhomx japplikaw kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess għall-prodotti u s-servizzi tagħhom, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza, ***mal-post tal-lok temporanju*** jew mal-post ta' stabbiliment tal-konsumatur, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 351
Biljana Borzan

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) fejn in-negozjant ibiġh prodotti u dawn il-prodotti ma jiġux konsenjati b'mod transfruntier lejn l-Istat Membru tal-konsumatur minn negozjant jew f'ismu jew f'isimha;

Emenda

(a) fejn in-negozjant ibiġh prodotti u dawn il-prodotti ma jiġux konsenjati b'mod transfruntier lejn l-Istat Membru tal-konsumatur minn negozjant jew f'ismu jew f'isimha; ***F'sitwazzjonijiet fejn in-negozjant ikun involut f'konsenja transfruntiera, id-differenzi fil-prezzijiet tal-konsenja għal konsumaturi ta' nazzjonalitajiet differenti u ta' postijiet ta' residenza jew ta' stabbiliment għandhom ikunu trasparenti u bbażati prinċipalment fuq il-kost reali tal-konsenja;***

Or. en

Emenda 352
Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *fejn in-negozjant ibigħ* prodotti u dawn il-prodotti *ma jìgux* konsenjati *b'mod transfruntier lejn l-Istat Membru tal-konsumatur minn negozjant jew f'ismu jew f'isimha*;

Emenda

(a) *jixtru* prodotti *minn negozjant* u dawn il-prodotti *jìgu* konsenjati *lejn post fi Stat Membru li għalih in-negozjant joffri konsenja fil-kundizzjonijiet ġenerali tiegħu ta' aċċess* jew, *huma miġbura f'post miftiehem bejn in-negozjant u l-konsumatur fi Stat Membru li fih in-negozjant joffri din l-għażla fil-kundizzjonijiet ġenerali tiegħu ta' aċċess*;

Or. en

Emenda 353

Dita Charanzová, Kaja Kallas, Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *fejn in-negozjant ibigħ* prodotti u dawn il-prodotti *ma jìgux konsenjati b'mod transfruntier* lejn l-Istat Membru tal-konsumatur *minn negozjant jew f'ismu jew f'isimha*;

Emenda

(a) *jixtru* prodotti u *fil-kundizzjonijiet ġenerali tiegħu jew tagħha ta' aċċess, in-negozjant joffri l-konsenja ta'* dawn il-prodotti *lejn post fi Stat Membru għajr l-Istat Membru tal-konsumatur, inkluża l-għażla li jinġabru l-prodotti f'post li għandu jintlaħaq qbil dwaru bejn il-konsumatur u n-negozjant*;

Or. en

Emenda 354

Marlene Mizzi

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *fejn in-negozjant ibigħ* prodotti u dawn il-prodotti *ma jìgux* konsenjati *b'mod transfruntier lejn l-Istat Membru tal-*

Emenda

(a) *fejn in-negozjant ibigħ* prodotti u dawn il-prodotti *huma* konsenjati *b'mod transfruntier lejn post fi Stat Membru li*

konsumatur minn negozjant jew f'ismu jew f'isimha;

għalih in-negozjant joffri konsenja fil-kundizzjonijiet ġenerali tiegħu ta' aċċess jew, huma miġbura f'post maqbul bejn in-negozjant u l-konsumatur fi Stat Membru li fih in-negozjant joffri din l-għażla;

Or. en

Emenda 355

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *fejn* in-negozjant ibiġh prodotti u dawn il-prodotti ma jiġux konsenjati b'mod transfruntier lejn l-Istat Membru tal-konsumatur minn negozjant jew f'ismu jew f'isimha;

Emenda

(a) in-negozjant ibiġh prodotti u dawn il-prodotti ma jiġux konsenjati b'mod transfruntier lejn l-Istat Membru tal-konsumatur minn negozjant jew f'ismu jew f'isimha, *imma jinġabru f'post maqbul bejn in-negozjant u l-konsumatur li fih jopera n-negozjant;*

Or. en

Emenda 356

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Anna Hedh, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) fejn in-negozjant ibiġh prodotti u dawn il-prodotti ma jiġux konsenjati b'mod transfruntier lejn l-Istat Membru tal-konsumatur minn negozjant jew f'ismu jew f'isimha;

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Or. en

Emenda 357
Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *fejn in-negozjant jipprovdi* servizzi forniti b'mod elettroniku, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal **u** l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor;

Emenda

(b) *jirċievu* servizzi forniti b'mod elettroniku **minn negozjant**, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal **jew** l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor, **jew il-bejgħ ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett f'forma intanġibbli**;

Or. en

Emenda 358
Anneleen Van Bossuyt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *fejn in-negozjant jipprovdi* servizzi forniti b'mod elettroniku, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal **u** l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor;

Emenda

(b) *fejn in-negozjant jipprovdi* servizzi forniti b'mod elettroniku, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal **u** l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor, **jew il-bejgħ ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor f'forma intanġibbli bħal kotba diġitali jew mużika online**;

Or. en

Emenda 359
Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Nicola Danti, Anna Hedh, Lucy Anderson, Christel Schaldemose, Sergio Gutiérrez Prieto

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) fejn in-negozjant jipprovdi servizzi forniti b'mod elettroniku, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal **u** l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor;

Emenda

(b) fejn in-negozjant jipprovdi servizzi forniti b'mod elettroniku, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal **jew** l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor, **jew *ibigħ xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett f'forma intanġibbli***;

Or. en

Emenda 360

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ***fejn*** in-negozjant jipprovdi servizzi forniti b'mod elettroniku, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal **u** l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor;

Emenda

(b) in-negozjant jipprovdi servizzi forniti b'mod elettroniku, għajr servizzi li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal **u** l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor;

Or. en

Emenda 361

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(***ba***) ***il-konsumatur ifittex li jirċievi servizzi forniti b'mod elettroniku li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor li fir-rigward tagħhom in-***

Emenda

negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorju li minnu l-konsumatur ifittex li jirċievi tali servizzi;

Or. en

Emenda 362

Herbert Dorfmann, Kinga Gál, Nils Torvalds, Patricija Šulin, Izaskun Bilbao Barandica, Csaba Sógor, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Ramon Tremosa i Balcells, Ádám Kósa, József Nagy, Andrejs Mamikins, Ildikó Gáll-Pelcz, Andor Deli, Ian Hudghton, Jill Evans, Josep-Maria Terricabras, László Tőkés, Pascal Arimont

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jirċievu servizzi forniti b'mod elettroniku, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor li fir-rigward tagħhom in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorju li minnu l-konsumatur ifittex li jirċievi tali servizzi;

Or. en

Emenda 363

Julia Reda

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) fejn in-negozjant jipprovdi servizzi forniti b'mod elettroniku jew prodotti intanġibbli li l-karatteristika ewlenija tagħhom hija l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur jew materjal ieħor protett li fir-rigward tagħhom in-negozjant għandu d-drittijiet li juża dan il-kontenut għat-territorji rilevanti;

Emenda 364

Dita Charanzová, Kaja Kallas, Marietje Schaake

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jirċievu servizzi forniti b'mod elettroniku li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materjal protett ieħor li fir-rigward tagħhom in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti;

Or. en

Emenda 365

Dennis de Jong

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) fejn in-negozjant jipprovdi servizzi, għajr dawk koperti mill-punt (b), u dawn is-servizzi jiġu forniti lill-konsumatur fil-bini tan-negozjant jew f'post fiżiku li fih jopera n-negozjant, fi Stat Membru għajr dak li fih il-konsumatur huwa ċittadin jew li fih il-konsumatur għandu l-post tar-residenza jew il-post tal-istabbiliment tiegħu.

(c) jirċievu servizzi, għajr servizzi forniti b'mod elettroniku f'post fiżiku fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru li fih jopera n-negozjant.

Or. en

Emenda 366

Dita Charanzová, Kaja Kallas, Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *fejn in-negozjant jipprovdi servizzi, għajr dawk koperti mill-punt (b), u dawn is-servizzi jiġu forniti lill-konsumatur fil-bini tan-negozjant jew f'post fiżiku li fih jopera n-negozjant, fi Stat Membru għajr dak li fih il-konsumatur huwa ċittadin jew li fih il-konsumatur għandu l-post tar-residenza jew il-post tal-istabbiliment tiegħu.*

Emenda

(c) *jirċievu servizzi min-negozjant għajr servizzi forniti b'mod elettroniku u dawn is-servizzi jiġu forniti lill-konsumatur f'post fiżiku fi ħdan Stat Membru li fih jopera n-negozjant.*

Or. en

Emenda 367

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Anna Hedh, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt, Sergio Gutiérrez Prieto

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *fejn in-negozjant jipprovdi servizzi, għajr dawk koperti mill-punt (b), u dawn is-servizzi jiġu forniti lill-konsumatur fil-bini tan-negozjant jew f'post fiżiku li fih jopera n-negozjant, fi Stat Membru għajr dak li fih il-konsumatur huwa ċittadin jew li fih il-konsumatur għandu l-post tar-residenza jew il-post tal-istabbiliment tiegħu.*

Emenda

(c) *fejn in-negozjant jipprovdi servizzi, għajr dawk koperti mill-punt (b), u dawn is-servizzi jiġu forniti lill-konsumatur fil-bini tan-negozjant jew f'post fiżiku li fih jopera n-negozjant, fi Stat Membru għajr dak li fih il-konsumatur huwa ċittadin jew li fih il-konsumatur għandu l-post tar-residenza tiegħu jew tagħha.*

Or. en

Emenda 368

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) fejn in-negozjant jipprovdi servizzi, għajr dawk koperti mill-punt (b), u dawn is-servizzi jiġu forniti lill-konsumatur fil-bini tan-negozjant jew f'post fiżiku li fih jopera n-negozjant, fi Stat Membru għajr dak li fih il-konsumatur huwa ċittadin jew li fih il-konsumatur għandu l-post tar-residenza ***jew il-post tal-istabbiliment*** tiegħu.

Emenda

(c) fejn in-negozjant jipprovdi servizzi, għajr dawk koperti mill-punt (b), u dawn is-servizzi jiġu forniti lill-konsumatur fil-bini tan-negozjant jew f'post fiżiku li fih jopera n-negozjant, fi Stat Membru għajr dak li fih il-konsumatur huwa ċittadin jew li fih il-konsumatur għandu l-post tar-residenza tiegħu.

Or. en

Emenda 369

Olga Sehnalová, Biljana Borzan

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) fejn in-negozjant jirreklama prodott bħala l-istess f'bosta Stati Membri.

Or. en

Emenda 370

Marlene Mizzi

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni lin-negozjanti milli joffru kundizzjonijiet ġenerali ta' aċċess, inklużi l-prezzijiet tal-bejgħ, li jvarjaw bejn l-Istati Membri u li huma offruti lill-konsumaturi fuq territorju speċifiku minħabba regolamenti, standards u rekwiżiti

nazzjonali differenti u minħabba l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw minn konformità mal-ambjent regolatorju nazzjonali differenti f'territorju għajr it-territorju magħżul mill-operatur.

Or. en

Emenda 371
Dita Charanzová, Kaja Kallas

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni lil negozjant milli japplika kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess bejn Stati Membri jew fi ħdan Stat Membru li huma offruti lil konsumatur f'territorju speċifiku jew lil grupp speċifiku ta' konsumaturi mhux definit abbażi tan-nazzjonalità, tar-residenza jew tal-post temporanju.

Or. en

Emenda 372
Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Nicola Danti, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni lin-negozjant milli joffri kundizzjonijiet ġenerali differenti ta' aċċess lil ċertu grupp speċifiku ta' konsumaturi jew lill-konsumaturi li jinsabu f'ċerti territorji diment li d-diskriminazzjoni ma tirrelatax

*man-nazzjonalità jew mal-post ta'
residenza tal-konsumatur.*

Or. en

Emenda 373
Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni lin-negozjanti milli joffru kundizzjonijiet ġenerali ta' aċċess, inklużi l-prezzijiet tal-bejgħ, li jvarjaw bejn l-Istati Membri jew fi Stat Membru u li huma offruti lil konsumaturi f'territorju speċifiku jew lil gruppi speċifiċi ta' konsumaturi.

Or. en

Emenda 374
Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma tinvolvi obbligu biex negozjant jikkonforma mar-rekwiżiti legali nazzjonali jew jinforma lill-konsumaturi dwar dawn ir-rekwiżiti meta negozjant ma jwettaqx jew ma jidderiġix l-attivitajiet tiegħu jew tagħha lejn l-Istat Membru speċifiku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għad hemm bosta rekwiżiti nazzjonali għall-prodott madwar is-Suq Uniku. In-negozji ma jistgħux u jenħtieġ li ma jkunux mistennija li jadattaw il-prodotti tagħhom għal rekwiżiti nazzjonali fi swieq li l-attivitajiet tagħhom mhumiex immirati lejhom. Għaldaqstant, l-emenda tagħmilha ċara li meta negozju ma jwettaqx jew ma jimmirax l-attivitajiet tiegħu lejn swieq oħra, jenħtieġ li dan ma jkunx obligat li la jadatta l-prodotti tagħhom għal rekwiżiti nazzjonali u lanqas ma jinforma lil konsumaturi f'dan ir-rigward meta l-konsumaturi "shop like a local" ("jixtru qishom ċittadini lokali").

Emenda 375 **Franz Obermayr**

Proposta għal regolament **Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Dan ma għandux japplika jekk il-bejgħ ta' oġġetti jirriżulta fi tnaqqis fil-profitt li n-negozjant kien jagħmel fil-pajjiż tal-istabbiliment.

Or. de

Emenda 376 **Franz Obermayr**

Proposta għal regolament **Artikolu 4 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Dan ma għandux japplika jekk il-bejgħ ta' oġġetti jew informazzjoni pprovduta jagħmlu ħsara lill-mudell kummerċjali tan-negozjant.

Or. de

Emenda 377 **Antanas Guoga, Ivan Štefanec**

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika jekk dispożizzjoni speċifika stabbilita fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni tipprevjeni lin-negozjant milli jbigħ il-prodotti jew milli jipprovdi s-servizzi lil ċerti konsumaturi jew lil konsumaturi f'ċerti territorji.

Emenda

Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika jekk dispożizzjoni speċifika stabbilita fid-dritt tal-Unjoni jew fil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni **billi** tipprevjeni lin-negozjant milli jbigħ il-prodotti jew milli jipprovdi s-servizzi lil ċerti konsumaturi jew lil konsumaturi f'ċerti territorji.

Or. en

Emenda 378
Dita Charanzová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-rigward tal-bejgħ tal-kotba, il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi lin-negozjanti milli japplikaw preżżijiet differenti lill-klijenti f'ċerti territorji jekk dawn ikunu obbligati jagħmlu hekk bil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 379
Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-rigward tal-bejgħ tal-kotba, il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi lin-negozjanti milli

Emenda

Il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi lin-negozjanti milli joffru kundizzjonijiet ġenerali ta' aċċess

japplikaw prezzijiet differenti *lill-klijenti* f'ċerti territorji *jekk dawn ikunu obbligati jagħmlu hekk bil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.*

differenti, inklużi prezzijiet differenti *lill-konsumaturi* f'ċerti territorji.

Or. en

Emenda 380
Julia Reda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-rigward tal-bejgħ tal-kotba, il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 *ma għandhiex tipprekludi lin-negozjanti milli japplikaw prezzijiet differenti lill-klijenti f'ċerti territorji jekk dawn ikunu obbligati jagħmlu hekk bil-liġijiet tal-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni.*

Emenda

Fir-rigward tal-bejgħ tal-kotba, *inkluża l-verżjoni elettronika tagħhom*, il-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1 *għandha tkun mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni speċifika rigward il-prezzijiet fl-Istati Membri tagħhom* skont id-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 381
Dita Charanzová, Kaja Kallas, Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

3a. In-negozjanti għandhom jindikaw il-kundizzjonijiet ġenerali ta' aċċess u r-restrizzjonijiet possibbli skont dan ir-Regolament l-aktar tard fil-bidu tal-proċess tal-ordni f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}.

^{1a} *Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-*

konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

Or. en

Emenda 382
Othmar Karas

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-konklużjoni tal-kuntratt għandha tkun regolata mil-liġi tal-pajjiż fejn huwa stabbilit in-negozjant.

Or. de

Ġustifikazzjoni

F'xi pajjiżi, il-konklużjoni tal-kuntratti, kemm jekk fuq l-internet jew mod ieħor, hija regolata mill-prinċipju "invitatio ad offerendum", jiġifieri, ix-xiri online ma jwassalx direttament għall-konklużjoni ta' kuntratt, iżda l-ewwel jirrappreżenta offerta li ssir mill-konsumatur. Madankollu, f'pajjiżi oħra, in-negozjar online jwassal direttament għall-konklużjoni ta' kuntratt. Dan il-paragrafu jittratta esklussivament il-konklużjoni kuntrattwali u ma jindirizzax il-ġurisdizzjoni kompetenti jew il-liġi li għandha tiġi applikata għal bejgħ attiv.

Emenda 383
Dita Charanzová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008, ir-residenza abitwali tal-

konsumatur għandha titqies li hija l-Istat Membru tal-post tal-konsenja finali min-negozjant.

Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012, l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur għandu jitqies li huwa l-Istat Membru tal-istabiliment tan-negozjant.

Or. en

Emenda 384

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Marlene Mizzi, Anna Hedh, Lucy Anderson, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. *In-negozjanti ma għandhomx*, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza *jew mal-post tal-istabiliment* tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, *japplikaw* kundizzjonijiet differenti ta' pagament *għal kwalunkwe bejgħ* ta' *prodotti jew provvista* ta' *servizzi*, fejn:

Emenda

1. *In-negozjant ma għandux*, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità *jew* mal-post tar-residenza tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, *japplika* kundizzjonijiet differenti ta' pagament *meta juża trasferimenti tal-kreditu, debiti diretti jew strument* ta' *pagament bil-kards* ta' *marka u kategorija speċifika ta' pagament*, fejn:

Or. en

Emenda 385

Dennis de Jong

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx,

PE599.759v01-00

Emenda

1. *Fi ħdan il-medda ta' mezzi ta'*

68/92

AM\1117512MT.docx

minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' pagament għal *kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew provvista ta' servizzi*, fejn:

pagament, jiġifieri t-trasferimenti tal-kreditu, debiti diretti jew strument ta' pagament bil-kards ta' marka u kategorija speċifika, in-negozjanti *jaċċettaw, huma* ma għandhomx, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, *li* japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' pagament għal *tranżazzjonijiet* fejn:

Or. en

Emenda 386

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza **jew mal-post tal-istabbiliment** tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' pagament għal kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew provvista ta' servizzi, fejn:

Emenda

1. In-negozjanti ma għandhomx, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità **jew** mal-post tar-residenza tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' pagament għal kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew provvista ta' servizzi, fejn:

Or. en

Emenda 387

Inese Vaidere

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' pagament għal kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew provvista ta' servizzi, fejn:

Emenda

1. In-negozjanti ma għandhomx, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza, **mal-post tal-lok temporanju** jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' pagament għal kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew provvista ta' servizzi, fejn:

Or. en

Emenda 388

Dita Charanzová, Kaja Kallas, Morten Løkkegaard

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***In-negozjanti ma għandhomx***, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, ***japplikaw*** kundizzjonijiet differenti ta' pagament ***għal kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew provvista ta' servizzi***, fejn:

Emenda

1. ***Negozjant ma għandux***, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post ***temporanju, jew mal-post*** tal-istabbiliment tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, ***japplika*** kundizzjonijiet differenti ***għal tranżazzjoni*** ta' pagament, fejn:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi tal-emenda tar-Rapporteur, filwaqt li tinżamm id-definizzjoni ta' konsumatur fit-test.

Emenda 389
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. In-negozjanti ma għandhomx, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' pagament għal kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew provvista ta' servizzi, fejn:

Emenda

1. In-negozjanti ma għandhomx, minħabba raġunijiet relatati man-nazzjonalità, mal-post tar-residenza jew mal-post tal-istabbiliment tal-konsumatur, mal-post tal-kont ta' pagament, mal-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament jew mal-post tal-ħruġ tal-istrument ta' pagament fi ħdan l-Unjoni, japplikaw kundizzjonijiet differenti ta' pagament għal kwalunkwe bejgħ ta' prodotti jew provvista ta' servizzi *fis-suq intern*, fejn:

Or. ro

Emenda 390
Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) *dawn il-pagamenti jsiru permezz ta' tranżazzjonijiet elettroniċi bi trasferiment tal-kreditu, b'debitu dirett jew bi strument ta' pagament bil-kards fl-istess ditta tal-pagamenti;*

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 391
Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Marlene Mizzi, Anna Hedh, Lucy Anderson, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) dawn il-pagamenti jsiru permezz ta' tranżazzjonijiet elettroniċi bi trasferiment tal-kreditu, b'debitu dirett jew bi strument ta' pagament bil-kards fl-istess ditta tal-pagamenti;

imħassar

Or. en

Emenda 392

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Marlene Mizzi, Anna Hedh, Lucy Anderson, Christel Schaldemose, Sergio Gutiérrez Prieto

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *il-benefiċjarju tal-ħlas jista' jitlob għal* awtentikazzjoni b'saħħitha tal-konsumatur *mill-kontribwent* skont id-Direttiva (UE) 2015/2366; u

(b) *l-identità tal-kontribwent jew il-validità tal-użu tal-istrument ta' pagament hija verifikabbli minn* awtentikazzjoni b'saħħitha tal-konsumatur skont id-Direttiva (UE) 2015/2366; u

Or. en

Emenda 393

Dennis de Jong

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *il-benefiċjarju tal-ħlas jista' jitlob għal* awtentikazzjoni b'saħħitha tal-konsumatur mill-kontribwent skont id-Direttiva (UE) 2015/2366; *u*****

(b) *l-identità tal-kontribwent jew il-validità tal-użu tal-istrument ta' pagament hija verifikabbli minn* awtentikazzjoni b'saħħitha tal-konsumatur mill-kontribwent skont id-Direttiva (UE) 2015/2366;

Or. en

Emenda 394
Ashley Fox, Vicky Ford, Daniel Dalton

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *il-benefiċjarju tal-ħlas jista' jitlob għal awtentikazzjoni b'saħħitha tal-konsumatur mill-kontribwent* skont id-Direttiva (UE) 2015/2366; u

Emenda

(b) *ir-rekwiżiti ta' awtentikazzjoni huma ssodisfati* skont id-Direttiva (UE) 2015/2366; u

Or. en

Emenda 395
Dita Charanzová

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *il-benefiċjarju tal-ħlas jista' jitlob għal awtentikazzjoni b'saħħitha tal-konsumatur mill-kontribwent* skont id-Direttiva (UE) 2015/2366; u

Emenda

(b) *ir-rekwiżiti ta' awtentikazzjoni huma ssodisfati* skont id-Direttiva (UE) 2015/2366; u

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-RTS tas-SCA għadu ma ġiex adottat u għalhekk jenħtieġ li nagħmlu referenza għal-direttiva kollha sat-tali żmien u aħna nafu x'jistabbilixxi l-att ta' implimentazzjoni finali.

Emenda 396
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) *il-benefiċjarju tal-ħlas jista' jitlob għal awtentikazzjoni b'saħħitha tal-*

Emenda

(b) *in-negozjant jista' jitlob għal awtentikazzjoni b'saħħitha tal-konsumatur*

konsumatur mill-kontribwent skont id-Direttiva (UE) 2015/2366; u

mill-kontribwent skont id-Direttiva (UE) 2015/2366; u

Or. en

Emenda 397
Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) *il-pagamenti jkunu* f'munita li *l-benefiċjarju* jaċċetta.

Emenda

(c) *It-tranżazzjonijiet tal-pagament ikunu* f'munita li *n-negozjant* jaċċetta.

Or. en

Emenda 398
Inese Vaidere

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-pagamenti jkunu f'munita li *l-benefiċjarju* jaċċetta.

Emenda

il-pagamenti jkunu f'munita li *n-negozjant* jaċċetta.

Or. en

399

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Marlene Mizzi, Anna Hedh, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-pagamenti jkunu f'munita li *l-benefiċjarju* jaċċetta.

Emenda

(c) il-pagamenti jkunu f'munita li *n-negozjant* jaċċetta.

Emenda 400
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Kumpaniji involuti fin-negozjar tal-bejgħ bl-imnut jista' jkollhom il-possibbiltà li jżommu l-prodotti sakemm jiġi kkonfermat il-pagament.

Or. ro

Emenda 401
Vicky Ford, Daniel Dalton

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-possibbiltà li ***n-negozjanti*** jitolbu ħlasijiet għall-użu ta' strument ta' pagament bil-kards li għalih it-tariffi tal-interkambju mhumiex regolati skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2015/751 u għal dawk is-servizzi ta' pagament li għalihom ma japplikax ir-Regolament (UE) Nru 260/2012. Dawn il-pagamenti ma għandhomx jaqżbu l-ispejjeż imġarrba min-negozjant għall-użu tal-istrument ta' pagament.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-possibbiltà ***tan-negozjanti*** li jitolbu ħlasijiet għall-użu ta' strument ta' pagament bil-kards li għalih it-tariffi tal-interkambju mhumiex regolati skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2015/751 u għal dawk is-servizzi ta' pagament li għalihom ma japplikax ir-Regolament (UE) Nru 260/2012. Dawn il-pagamenti ma għandhomx jaqżbu l-ispejjeż imġarrba min-negozjant għall-użu tal-istrument ta' pagament. ***Il-ħlasijiet jistgħu jinkludu kemm spejjeż diretti kif ukoll indiretti mġarrba min-negozjant, bħal tariffi ta' tranżazzjoni imposti fuq pagamenti elettroniċi.***

Or. en

Emenda 402

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Anna Hedh, Lucy Anderson, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-possibbiltà li ***n-negozjanti jitolbu*** ħlasijiet għall-użu ta' strument ta' pagament bil-kards li għalih it-tariffi tal-interkambju mhumiex regolati skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2015/751 u għal dawk is-servizzi ta' pagament li għalihom ma japplikax ir-Regolament (UE) Nru 260/2012. Dawn il-pagamenti ma għandhomx jaqzbu l-ispejjeż ***imġarrba*** min-negozjant għall-użu tal-istrument ta' pagament.

Emenda

2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-possibbiltà ***tan-negozjant*** li ***jitolb*** ħlasijiet għall-użu ta' strument ta' pagament bil-kards li għalih it-tariffi tal-interkambju mhumiex regolati skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) 2015/751 u għal dawk is-servizzi ta' pagament li għalihom ma japplikax ir-Regolament (UE) Nru 260/2012. Dawn il-pagamenti ma għandhomx jaqzbu l-ispejjeż ***diretti mġarrba*** min-negozjant għall-użu tal-istrument ta' pagament.

Or. en

Emenda 403

Othmar Karas

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta kontroll tal-kreditu ma jistax isir fil-pajjiż tal-konsumatur jew jimponi piż sproporzjonat, dan għandu jikkostitwixxi raġuni oġġettivament iġġustifikata għall-esklużjoni tal-pagament b'fattura bħala possibbiltà ta' pagament.

Or. de

Emenda 404
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tipprekludi l-possibbiltà tan-negozjanti biex jitolbu pagament bil-quddiem qabel ma jintbagħtu l-oġġetti jew qabel ma jiġi pprovdut is-servizz, fejn dawn ma għandhomx mod ieħor biex jiżguraw li x-xerrej jissodisfa l-obbligu ta' pagament tiegħu jew tagħha.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Händler in Deutschland beschränken die Akzeptanz einer Zahlung in Onlineshops sehr häufig auf deutsche Konten, da nur hier eine Kreditwürdigkeitsprüfung / eine Solvenzeinstufung über bekannte Dienstleister (z.B. Schufa) möglich ist. Da eine solche Kreditwürdigkeitsprüfung / Solvenzeinstufung nicht in allen Mitgliedstaaten möglich ist, würde der Händler das Risiko eines Zahlungsausfalles eingehen, sollte eine Ungleichbehandlung nicht mehr möglich sein. Die Möglichkeit, im Falle der Angabe eines nicht-deutschen Kontos eine Vorauszahlung zu verlangen, muss deswegen gegeben sein.

Emenda 405
Anneleen Van Bossuyt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-ftehimiet li jimponu obbligi fuq in-negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv, biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli.

Id-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet li jimponu obbligi fuq in-negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv, **skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 330/2010, li mhumix f'konformità mal-Artikolu 101 tat-TFUE u mar-Regolament (UE) Nru 330/2010**, biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli **u bla effett.**

Emenda 406

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Lucy Anderson, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

*Il-ftehimiet li jimponu obbligi fuq in-
negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv,
biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-
Regolament għandhom ikunu b'mod
awtomatiku nulli.*

Emenda

*Id-dispożizzjonijiet kuntrattwali li
jirrikjedu lin-negozjant jaġixxi, fir-
rigward tal-bejgħ passiv skont it-tifsira tar-
Regolament (UE) Nru 330/2010, li
mhum iex f'konformità mal-Artikolu 101
tat-TFUE u r-Regolament (UE)
Nru 330/2010, għandhom ikunu b'mod
awtomatiku nulli u bla effett.*

Or. en

Emenda 407

Maria Grapini

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

*Il-ftehimiet li jimponu obbligi fuq in-
negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv,
biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament
għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli.*

Emenda

*Il-ftehimiet li jimponu obbligi fuq in-
negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv,
biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament
għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli.
Il-liġi applikabbli għal kuntratti ta' bejgħ
passiv għandha tkun il-liġi tan-negozjant.*

Or. ro

Emenda 408

Dita Charanzová, Morten Løkkegaard

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-ftehimiet li jimponu obbligi fuq in-negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv, biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli.

Emenda

Id-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet li jimponu obbligi fuq in-negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv ***skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 330/2010***, biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli ***u bla effett***.

Or. en

Emenda 409

Julia Reda

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-ftehimiet li jimponu obbligi fuq in-negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv, biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli.

Emenda

Id-dispożizzjonijiet li jimponu obbligi fuq in-negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv, ***skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 330/2010*** biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli ***u bla effett***.

Or. en

Emenda 410

Marco Zullo

**Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-ftehimiet li jimponu obbligi fuq in-negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv, biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli.

Emenda

Id-dispożizzjiet kuntrattwali li jimponu obbligi fuq in-negozjanti, fir-rigward tal-bejgħ passiv, biex jaġixxu bi ksur ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu b'mod awtomatiku nulli.

Or. it

Emenda 411
Marlene Mizzi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw f'sitwazzjonijiet li fihom in-negozjanti huma marbuta bi ftehim li jitlobhom jillimitaw il-bejgħ passiv tagħhom u biex joffru servizzi u/jew ibigħu prodotti f'pajjiż partikolari minħabba n-natura tar-relazzjoni kuntrattwali ma' fornitur/distributur f'dak il-pajjiż u meta dawn ir-restrizzjonijiet huma skont l-Artikolu 101 tat-TFUE u r-Regolament (UE) Nru 330/2010.

Or. en

Emenda 412
Virginie Rozière, Liisa Jaakonsaari, Maria Grapini, Marc Tarabella, Lucy Anderson, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-projbizzjonijiet previsti fl-Artikoli 3, 4 u 5 ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw f'każijiet fejn in-negozjant huwa marbut bi ftehim li jobbligah(a) li jirrestrinġi/tirrestrinġi bejgħ passiv tiegħu jew tagħha u li dawn ir-restrizzjonijiet huma f'konformità mal-Artikolu 101 tat-TFEU u r-Regolament (UE) Nru 330/2010.

Or. en

Emenda 413
Anneleen Van Bossuyt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-każ ta' sitwazzjonijiet fejn in-negozzjanti huma marbuta bi ftehim li jitolbhom jirrestrinġu l-bejgħ passiv tagħhom skont l-Artikolu 101 tat-TFUE u r-Regolament (UE) Nru 330/2010, il-projbizzjonijiet fl-Artikoli 3, 4 u 5 ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw.

Or. en

Emenda 414
Antanas Guoga

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp *wieħed jew aktar biex ikunu* responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm mezz adegwati u effettivi mal-korp jew mal-korpi maħtura sabiex tiġi infurzata l-konformità ma' dan ir-Regolament.*

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp *jew korpi* responsabbli għall-infurzar *effettiv* ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 415
Antanas Guoga

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar **il-pieni** applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. **Il-pieni** previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u **dissważivi**.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar **is-sanzjonijiet** applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. **Is-sanzjonijiet** previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u **dissważivi**.

Or. en

Emenda 416
Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Assistenza lill-konsumaturi

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Or. en

Emenda 417
Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu jagħti responsabbiltà għall-ġħoti ta' assistenza Prattika lill-konsumaturi lil korp jew korpi fil-każ ta' tilwim bejn konsumatur u negozjant li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp wieħed jew aktar biex ikunu responsabbli għal dan il-kompitu.

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jagħti responsabbiltà għall-ġħoti ta' assistenza Prattika lill-konsumaturi **u lin-negozjanti** lil korp jew korpi fil-każ ta' tilwim bejn konsumatur u negozjant **jew bejn negozjanti** li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp wieħed jew aktar biex ikunu responsabbli għal dan il-kompitu.

Or. en

Emenda 418
Antanas Guoga

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Kull Stat Membru għandu ***jagħti responsabbiltà*** għall-għoti ta' assistenza Prattika lill-konsumaturi lil korp jew korpi ***fil-każ*** ta' tilwim bejn konsumatur u negozjant li ***jirriżulta*** mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp wieħed jew aktar biex ikunu responsabbli għal dan il-kompitu.

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu ***jaħtar korp jew korpi responsabbli*** għall-għoti ta' assistenza Prattika lill-konsumaturi lil korp jew korpi ***fil-każijiet*** ta' tilwim bejn konsumatur u negozjant li ***jirriżultaw*** mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jaħtar korp wieħed jew aktar biex ikunu responsabbli għal dan il-kompitu.

Or. en

Emenda 419
Dennis de Jong

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***Il-korpi msemija fil-paragrafu 1 għandhom joffru lill-konsumaturi mudell ta' formola*** uniformi biex iressqu l-ilmenti lill-korpi msemija fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu 7(1). ***Il-Kummissjoni għandha tassisti lil dawn il-korpi fl-iżvilupp ta' dan il-mudell ta' formola.***

Emenda

2. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jistabbilixxu r-rekwiżiti għal*** mudell ta' ***formoli*** uniformi biex iressqu l-ilmenti lill-korpi msemija fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu 7(1).

[Jekk din l-emenda tiġi adottata, it-test jirrikjedi aktar modifiki bħala premessa korrispondenti u jeħtieġ li jizjed artikolu dwar id-delega ta' setgħat.]

Or. en

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 8a

Ġurisdizzjoni

1. Sabiex jiġi aċċertat jekk negozjant li joffri l-attivitajiet tiegħu jew tagħha fuq is-sit web tiegħu jew tagħha jew fuq sit web ta' intermedjarju jistax jitqies bħala negozjant li jidderieġi l-attività tiegħu jew tagħha fl-Istat Membru tar-residenza tal-konsumatur skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012, jenħtieġ jiġi vvalutat jekk, anke qabel il-konklużjoni ta' kuntratt ta' oġġetti għall-konsumatur, mill-kontenut tas-sit web korrispondenti u mill-attività ġenerali tan-negozjant jirriżultax li n-negozjant qed jidderieġi l-attività kummerċjali tiegħu jew tagħha lejn konsumaturi residenti fi Stat Membru wieħed jew aktar.

2. Il-kriterji li ġejjin, li l-lista tagħhom mhijiex eżawrjenti, huma kapaċi jikkostitwixxu evidenza li minnha jista' jiġi konkluż li l-attività tan-negozjant hija diretta fil-pajjiż tar-residenza tal-konsumatur: in-natura internazzjonali tal-attività, id-deskrizzjoni ta' itinerarji minn Stati Membri oħra lejn il-post fejn huwa stabbilit in-negozjant, l-użu ta' lingwa jew munita minbarra l-lingwa jew munita ġeneralment użati fl-Istat Membru li fih huwa stabbilit in-negozjant bil-possibbiltà li jagħmel u jikkonferma t-tranżazzjoni f'dik il-lingwa l-oħra, ir-referenza għan-numri tat-telefown b'kodiċi internazzjonali, in-nefqa fuq is-servizz ta' referenzar fuq l-internet sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-sit tan-negozjant jew dak tal-intermedjarju tiegħu jew tagħha minn konsumaturi domiċiljati fi Stati Membri oħrajn, l-użu ta' isem ta' dominju tal-ogħla livell

minbarra dak tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit in-negozjant, u r-referenza ta' klientela internazzjonali magħmula minn konsumaturi domiċiljati f'bosta Stati Membri.

3. Meta jiġi vvalutat jekk dawn il-kriterji għad-direzzjonar tal-attività humiex ssodisfati f'każijiet individwali, il-fattur deċiżiv ma jistax ikun biss il-fatt li s-sit web tan-negozjant jew dak tal-intermedjarju tiegħu jew tagħha jkun aċċessibbli għall-konsumaturi residenti fi Stat Membru ieħor.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Sofern zumindest eines der beschriebenen Kriterien (siehe EuGH Rspr. C-144/09, Hotel Alpenhof sowie C-585/08, Pammer) erfüllt ist bzw. ein gleichwertiges Kriterium vorliegt, durch welches Rückschlüsse auf den objektivierbaren Willen des Unternehmers gemacht werden kann, die nahe legen, dass der Unternehmer seine berufliche oder gewerbliche Tätigkeit auf den Wohnsitz-Mitgliedstaat des Verbrauchers ausrichtet, sieht Artikel 6 Absatz 1 lit.b Rom I-VO vor, dass unabhängig von der Rechtswahl zwingende nationale Verbraucherschutzvorschriften zur Anwendung kommen. Diese Regelung und darauf ist hier besonders hinzuweisen, wird sowohl durch die Verordnung Nr. 1215/2012 als auch die Rechtsprechung des Gerichtshofs unterstrichen, denn nur unter der Beibehaltung dieser Voraussetzungen kann die Zuordnung zu einem bestimmten Gerichtsstand und das Niveau des anwendbaren Verbraucherschutzes vorhersehbar bleiben. Bei Verträgen, bei denen die eine Partei als schwächer angesehen wird, sollte diese Vertragspartei durch Kollisionsnormen geschützt werden, die für sie günstiger sind als die allgemeinen Regeln (siehe Erwägungsgrund 23 Rom I). Dieser Schutzstandard sollte unbedingt von der Verordnung unberührt bleiben.

Emenda 421
Marco Zullo

Proposta għal regolament
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 8a

Ġuriżdzizzjoni

Meta n-negozjant huwa SME jew mikrointrapriża u ma weriex intenzjoni

ċara biex jidderieġi l-attivitajiet tiegħu lejn l-Istat Membru tal-konsumatur, iż-żewġ partijiet jistgħu jressqu proċedimenti legali fil-qrati tal-Istat Membru li fih huwa domiċiljat in-negozjant.

Or. it

Emenda 422

Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Nicola Danti, Christel Schaldemose, Evelyne Gebhardt

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sa [data: *sentejn* wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Fejn meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament, fid-dawl tal-iżviluppi legali, tekniċi u ekonomiċi.

Emenda

1. Sa [data: *ħames snin* wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Fejn meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament, fid-dawl tal-iżviluppi legali, tekniċi u ekonomiċi.

Or. en

Emenda 423

Dennis de Jong

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sa [data: *sentejn* wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-

Emenda

1. Sa [data: *ħames snin* wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
Fejn meħtieġ, ir-rapport għandu jkun
akkumpanjat minn proposta biex jiġi
emendat dan ir-Regolament, fid-dawl tal-
iżviluppi legali, tekniċi u ekonomiċi.

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
Fejn meħtieġ, ir-rapport għandu jkun
akkumpanjat minn proposta biex jiġi
emendat dan ir-Regolament, fid-dawl tal-
iżviluppi legali, tekniċi u ekonomiċi.

Or. en

Emenda 424
Philippe Juvin

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sa [data: *sentejn* wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-
evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
Fejn meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament, fid-dawl tal-iżviluppi legali, tekniċi u ekonomiċi.

Emenda

1. Sa [data: *erba' snin* wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-
evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
Fejn meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament, fid-dawl tal-iżviluppi legali, tekniċi u ekonomiċi.

Or. fr

Emenda 425
Dita Charanzová, Jasenko Selimovic

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sa [data: *sentejn* wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-
evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Emenda

1. Sa [data: *tliet snin* wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-
evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Fejn meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament, fid-dawl tal-iżviluppi legali, tekniċi u ekonomiċi.

Fejn meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament, fid-dawl tal-iżviluppi legali, tekniċi u ekonomiċi.

Or. en

Emenda 426

Sabine Verheyen, Angelika Niebler

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-ewwel evalwazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod partiklari, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk il-projbizzjoni tal-Artiklu 4(1)(b) għandhiex tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.

imħassar

Or. de

Ġustifikazzjoni

Jenħtieġ li l-aċċess għal xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur jew materjal protett ieħor u l-użu ta' tali xogħlijiet jew materjal ikomplu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan se jeliminaw d-duplikazzjoni ta' punti oħrajn tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 427

Dita Charanzová, Kaja Kallas

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-ewwel evalwazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod partiklari, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk il-projbizzjoni tal-Artiklu 4(1)(b) għandhiex

2. L-ewwel evalwazzjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod partikolari, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-

tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.

Regolament jenħtieġ li jiġi estiż sabiex ikopri setturi addizzjonali bħal dak finanzjarju, il-komunikazzjoni elettronika jew is-servizzi tal-kura tas-saħħa.

Or. en

Emenda 428

Antanas Guoga, Ivan Štefanec

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod *partiklari*, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk *il-projbizzjoni tal-Artiklu 4(1)(b) għandhiex tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.*

Emenda

2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod *partikolari*, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk *il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi estiż sabiex ikopri setturi addizzjonali bħal dak awdjoviżiv, finanzjarju, tat-trasport, il-komunikazzjoni elettronika u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.*

Or. en

Emenda 429

Julia Reda

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod *partiklari*, bil-ħsieb li jiġi evalwat *jekk il-projbizzjoni tal-Artiklu 4(1)(b) għandhiex tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti*

Emenda

2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod *partikolari*, bil-ħsieb li jiġi evalwat:

elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, **dejjem jekk in-negozjant** ikollu d-drittijiet **meħtieġa** għat-territorji rilevanti.

(a) ***l-applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-Artikolu 4(1)(b)*** għal servizzi forniti elettronikament ***jew prodotti intanġibbli***, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, ***fir-rigward ta' liema n-negozjant*** ikollu d-drittijiet ***li juża tali kontenut*** għat-territorji rilevanti, ***bl-għan għall-possibbiltà ta' estensjoni tiegħu għal każijiet oħra***;

(b) ***l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ elettroniku transfruntier kif ukoll l-iżvilupp tal-prezzijiet għall-konsumatur fis-suq uniku.***

Or. en

Emenda 430 Philippe Juvin

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod partiklari, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk il-projbizzjoni ***tal-Artiklu*** 4(1)(b) għandhiex tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.

Emenda

2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod partiklari, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk il-projbizzjoni ***tal-Artikolu*** 4(1)(b) għandhiex tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti; ***din l-evalwazzjoni fil-fond jenħtieġ li tqis in-natura speċifika tax-xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur u l-metodi użati***

Emenda 431
Anneleen Van Bossuyt

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod partiklari, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk il-projbizzjoni tal-Artiklu 4(1)(b) għandhiex tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.

Emenda

2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod partiklari, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk il-projbizzjoni tal-Artiklu 4(1)(b) għandhiex tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, ***jew il-bejgħ ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materja protetta f'forma intanġibbli bħal kotba diġitali u mużika online***, dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.

Emenda 432
Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Nicola Danti, Lucy Anderson, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod partiklari, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk il-projbizzjoni tal-Artiklu 4(1)(b) għandhiex tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti,

Emenda

2. L-ewwel evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir, b'mod partiklari, bil-ħsieb li jiġi evalwat jekk il-projbizzjoni tal-Artiklu 4(1)(b) għandhiex tiġi applikata wkoll għal servizzi forniti elettronikament, li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun l-għoti ta' aċċess għal u l-użu ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew suġġetti oħrajn protetti, ***jew***

dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.

il-bejgħ ta' xogħlijiet protetti bid-dritt tal-awtur jew materja protetta f'forma intanġibbli, dejjem jekk in-negozjant ikollu d-drittijiet meħtieġa għat-territorji rilevanti.

Or. en

Emenda 433
Marco Zullo

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha wkoll tkopri l-karatteristiċi u n-natura ta' kawżi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, bl-għan li jiġi stabbilt jekk il-bidliet jeħtieġx li jsiru għar-Regolament (KE) Nru 593/2008 u r-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

Or. it

Emenda 434
Virginie Rozière, Maria Grapini, Marc Tarabella, Nicola Danti, Christel Schaldemose

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Madankollu, il-punt (b) tal-Artikolu 4(1) għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2018.

imħassar

Or. en